18 ta' Ottubru, 1955

Imħallef:
Onor. Dr. T. Gouder, LL.D.

Carmelo Sammut *versus* Concetta Ellul

## Liċenza — Trasferiment

*Il-liċenza mogħtija skond il-Liġijiet tal-Pulizija għall-ispaċċ ta' l-inbid u likuri spiritużi hija rikjesta fl-interess pubbliku; u għalhekk, minħabba n-natura tagħha hija hekk inseparabbli mill-persuna tat-titolar tagħha, li ma tistax minn dik il-persuna tiġi trasferita lil ħaddieħor.*

*Tista' però tifforma oġġett ta' kuntratt ir-rinunzja tat-titolar tal-liċenza għall-fakoltà li jagħmel użu minnha bi kwalsijasi mod di fronti għal persuna oħra; u wieħed mil-modi li ma jagħmelx użu minn dik il-liċenza hu ċertament dak li ma jagħmelx oppożizzjoni għall-konċessjoni ta' dik il-liċenza lil ħaddieħor.*

Il-Qorti; — Rat l-att taċ-ċitazzjoni li biħ l-attur, wara li ppremetta li ħallas £200 lill-konvenuta għat-trasferiment tal-liċenza ta' l-inbid u spiriti tal-ħanut 137, High Street, Ħal Qormi; u li mhux biss ma rċeviex il-liċenza, imma lanqas ma kien hemm avvjament involut fit-trasferiment; talab (1) li jiġi dikjarat u deċiż illi l-bejgħ għall-liċenza ta' l-ispaċċ ta' nbid u spiriti hija ħaġa "extra commercium", (2) li tiġi ordnata r-riżoluzzjoni ta' din il-vendita ta' oġġett "extra commercium", (3) li l-konvenuta tiġi kundannata tħallsu (£200) lilha indebitament minnu mħallsa. Bl-ispejjeż u bl-interessi skond il-liġi;

*Omissis;*

Tikkunsidra;

*Illi, kif ġie ritenut* minn din il-Qorti fis-sentenza tal-11 ta' Diċembru, 1900, in "Dimech vs. Camilleri et." (Kollez. Vol. XVII, p. III, paġ. 103), u mill-Qorti ta' l-Appell fis-sentenza tas-6 ta' April, 1946 in "Xuereb vs. Axiak" (Kollez. Vol. XXXII, p. I, paġ. 597), il-liċenza mogħtija skond il-Liġijiet tal-Pulizija għall-ispaċċ ta' l-inbid u likuri spiritużi, billi hija rikjesta fl-interess publiku, hija, minħabba n-natura tagħha, hekk inseparabbli mill-persuna tat-*titular tagħha, li ma tistax* tiġi *minn dik il-persuna tras*messa lil ħaddieħor; imma tista' tifforma oġġett leċitu ta' kuntratt ir-rinunzja tat-titolari tal-liċenza għall-fakoltà li jagħmel użu *minnha fi kwalsijasi mod di fronti* għal persuna oħra; u wieħed mil-modi li ma jagħmelx użu minnha hu ċertament dak li ma jagħmelx oppożizzjoni għall-konċessjoni ta' dik il-liċenza lill-istipulant;

Illi, però, il-konvenuta ssollevat l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni ta' ħames snin kontemplata fl-art. 1268 u dik ta' sentejn kontemplata fl-art. 1266 (2) tal-Kodiċi Ċivili (fol. 6 u *fol.* 12);

*Illi* mid-depożizzjoni tal-konvenuta (fol. 18 tergo) u ta' żewġha (fol. 18) jirriżulta li ddekorrew utilment anki l-ħames snin; b'liema żmien (art. 1268 Kod. Ċivili) jaqa' l-jedd ta' l-azzjoni tar-rexissjoni ta' *obligazzjoni f'kull każ ieħor* mhux imsemmi fiż-żewġ artikoli ta' qabel, fejn il-preskrizzjoni hija ta' sentejn, meta l-liġi, f'xi każ partikulari, ma tistabbilixxix żmien aqsar;

Għaldaqstant;

Tilqa' l-eċċezzjoni tal-prekrizzjoni sollevata mill-konvenuta; bl-ispejjeż kontra l-attur.